A.L. 62 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda tal-Ħames Skeda)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 84 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Emenda tal-Ħames Skeda), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Att.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2006.

Jissostitwixxi l-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Minflok il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandha tidħol din il-Ħames Skeda li ġejja:–

"IL-ĦAMES SKEDA

(Artikoli 20 u 23)

TAQSIMA I

Mard u kundizzjonijiet li dwarhom tista' titħallas Għajnuna għal Mard

1. Mard ta' natura malinja

2. Mard Kardjovaskolari:

   (a) *failure* konġestiv tal-qalb

   (b) pressjoni għolja persistenti b'qari tad-dijastolika 'l fuq minn 110 jekk mħollija mhux ikkurata

3. Mard Endokrinu:

   (a) Il-Marda ta' Addison

   (b) Diabete *Mellitus* taż-żgħar

   (ċ) Disturbi kawżati minn nuqqas ta' enżimi

4. Mard tal-Kliewi:

   (a) *nephrotic syndrome*

   (b) nuqqas kroniku renali

5. Sistema diġestiv:

   (a) ulċera ta' l-istonku kronika

   (b) marda *coeliac* u stejatorreja idjopatiku

   (ċ) Il-Mard ta' Crohn u kolite ulċerattiva

6. Mard tal-Fwied:

   (a) ċirrosi epatika flimkien ma' axxite jew sintomi newroloġiċi

   (b) Il-marda ta' Wilson

7. Skiżofrenja kronika

8. Infezzjoni bil-mikrobu ta' l-H.I.V.

9. Mard ieħor:

(a) Ħsara fiżika jew mentali kawżata mid-diabete *mellitus* sew jekk konġenita jew akkwiżita

(b) Kull każ ta' dijabete

TAQSIMA II

Mard u kundizzjonijiet li dwarhom tista' tingħata Għajnuna Medika Bla Ħlas

1. Mard ta' natura malinja

2. Mard kardjovaskolari:

   (a) *failure* konġestiv tal-qalb

   (b) pressjoni għolja persistenti b'qari tad-dijastolika 'l fuq minn 110 jekk imħollija mhux ikkurata

   (c) Ischaemic Heart Disease

3. Mard Respiratorju:

   (a) nuqqas respiratorju kroniku

   (b) asma kronika

4. Mard Kollaġenu:

   (a) artrite rewmatojde kronika

   (b) *Lupus Erythematosus* generalizzat

   (ċ) sklerożi ġeneralizzata

   (d) dermatomijosite

   (e) polyarterite nodosa

5. Mard Endokrinu:

   (a) Il-marda ta' Addison

   (b) ipopitwitariżmu inkluża d-dijabete Insipida

   (ċ) disturbi kawżati minn nuqqas ta' enżimi

   (d) *endomitriosis*

6. Mard tal-kliewi:

(a) *nephrotic syndrome*

(b) nuqqas kroniku renali

7. Sistema digestiv:

(a) ulċera ta' l-istonku kronika

(b) marda *coeliac* u stejatorreja idjopatiku

(ċ) Il-Marda ta' Crohn u kolite ulerattiva

8. Mard tal Fwied:

(a) ċirrosi epatika flimkien ma' axxite jew sintomi newroloġiċi

(b) Il-marda ta' Wilson

9. Mard tas-Sistema Nervuża Ċentrali:

(a) epilessija

(b) marda ta' Parkinson li ġġib inkapaċità

(c) myasthenia gravis

(d) multiple sclerosis

(e) motor neurone disease

(f) trigeminal neuralgia

10. Skiżofrenia

11. Emofilija

12. Marda ta' Paget:

(a) marda ta' Paget ġeneralizzata li turi attività kif tidher minn livell ta' *alkaline phosphatase* li ma jkunx inqas minn 100 *King Armstrong Units*;

(b) marda ta' Paget tas-sinsla tad-dahar li tipproduċi sintomi newroloġiċi

13. Glawkoma

14. Psorjasi Estensiva

B 756

15. Huntington's *Chorea*

16. *Auto-Immune Enteropathy*

17. Infezzjoni bil-mikrobu ta' l-H.I.V.

18. Indifferenza konġenitali għall-uġigħ"